Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

Brussell, 14 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10036/16

LIMITE

EF 175
ECOFIN 573
CODEC 856

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0270 (COD)**

**RAPPORT**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | - Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (L-ewwel qari)<br>- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja"<br>= Rapport ta' progress (Sitwazzjoni attwali) |

## I. INTRODUZZJONI

1. Il-Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 806/2014 sabiex tiġi stabbilita Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti ("EDIS") intbagħtet lill-Kunsill fl-24 ta' Novembru 2015[1]. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni "Lejn it-tlestija tal-Unjoni Bankarja"[2]. Dan il-pakkett ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-ECOFIN tat-8 ta' Diċembru 2015.

[1] Dok. 14649/15.
[2] Dok. 14650/15.

2. Minħabba l-importanza u l-kumplessità tas-suġġett imqajjem kemm fil-proposta msemmija hawn fuq u l-komunikazzjoni, u l-fatt li l-kwistjonijiet indirizzati huma interrelatati bis-sħiħ, l-Istati Membri qablu li l-ħidma tal-Kunsill kellha tiġi organizzata u kkoordinata fil-livell xieraq. Għalhekk, fit-13 ta' Jannar 2016, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistabbilixxu fi ħdan il-Kunsill, il-Grupp ta' Ħidma *Ad hoc* dwar it-Tisħiħ tal-Unjoni Bankarja (minn hawn 'il quddiem "AHWP")[3].

3. Taħt il-Presidenza Netherlandiża, dan il-Grupp ta' Ħidma AHWP ltaqa' disa' darbiet (fl-20 ta' Jannar, l-1 u s-16 ta' Frar, l-1 u s-16 ta' Marzu, il-5 u d-29 ta' April, l-10 ta' Mejju, l-1 ta' Ġunju 2016), fejn alterna l-eżami tal-proposta tal-EDIS b'diskussjonijiet dwar miżuri tat-tnaqqis tar-riskji, abbażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija qabel.

4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Bank Ċentrali Ewropew taw l-opinjonijiet tagħhom dwar il-proposta tal-EDIS fis-17 ta' Marzu 2016[4] u fl-20 ta' April 2016[5], rispettivament.

5. Dan ir-rapport ta' progress tfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Presidenza abbażi tal-pożizzjonijiet espressi mid-delegazzjonijiet waqt laqgħat imsemmija qabel, u bħala tweġiba għal diversi sejħiet għal kummenti bil-miktub. Dan ir-rapport ma jistax jitqies bħala vinkolanti fuq id-delegazzjonijiet, iżda jirrappreżenta l-aħjar valutazzjoni tal-Presidenza dwar l-eżiti ewlenin tad-diskussjonijiet, bl-għan li jipprovdi xi orjentazzjoni għall-ħidma futura.

6. Ir-rapport ta' progress huwa maqsum f'żewġ partijiet: taqsima II tkopri kunsiderazzjonijiet ġenerali u kwistjonijiet speċifiċi rigward il-proposta tal-EDIS u taqsima III tkopri d-diskussjonijiet dwar miżuri biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja.

---

3 Dok. 5006/16.
4 Dok. 7332/16.
5 Dok. 8186/16.

## I. PROPOSTA TAL-EDIS

### 1. KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

7. Għadd sinifikanti ta' Stati Membri jikkunsidraw l-implimentazzjoni tat-tielet pilastru tal-Unjoni bankarja bħala prijorità, u laqgħu l-proposta. Xi wħud minnhom indikaw li s-sustanza tad-dispożizzjonijiet u ż-żmien tad-dħul fis-seħħ għandu jkun iżjed ambizzjuż, li jitlob partikolarment għal proċess ta' mutwalizzazzjoni aktar mgħaġġel. Madankollu, xi Stati Membri, oġġezzjonaw bis-sħiħ għall-proposta u l-iskeda taż-żmien tagħha, u kkontestaw n-neċessità u l-adegwatezza tal-proposta. Xi wħud minn dawk l-Istati Membri indikaw ukoll li għalhekk huma ma kinux f'pożizzjoni li jiddiskutu d-dettalji tal-proposta. Għadd ta' Stati Membri oħrajn, filwaqt li b'mod ġenerali jappoġġaw il-proposta, qajmu tħassib.

8. Minbarra għadd ta' kwistjonijiet speċifiċi, il-kwistjonijiet fundamentali prinċipali li tqajmu waqt id-dibattitu dwar il-proposta kienu principalment dawn li ġejjin:

- ir-rabta bejn aktar progress dwar il-kondiviżjoni tar-riskju (inkluż l-EDIS u l-istabbiliment ta' garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni) u dwar għadd ta' miżuri mmirati biex inaqqsu r-riskji fis-settur bankarju, li huma ttrattati f'aktar dettall fil-Parti III ta' dan ir-rapport;
- in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt speċifika; diversi Stati Membri kienu tal-opinjoni li tali evalwazzjoni kienet meħtieġa biex jiddiskutu n-neċessità, l-adegwatezza u struttura possibbli tal-EDIS;
- l-adegwatezza tal-bażi ġuridika.

**1.1. In-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt speċifika**

9. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma kinux qed japprovaw n-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt speċifika li takkumpanja l-proposta tal-EDIS. Is-servizzi tal-Kummissjoni enfasizzaw li tkun tassew valutazzjoni tal-impatt sħiħa, li tkopri, fost l-oħrajn, self obbligatorju, kienet ġiet ippreżentata skont id-Direttiva 2014/49/UE dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti ("DGSD") fl-2010.[6] Barra minn hekk, huma pprovdew analiżi b'mod informali tal-benefiċċji ekonomiċi tal-proposta tal-EDIS, ir-raġunament għall-fażijiet differenti tal-EDIS u l-benefiċċji meta mqabbla ma' DGSs purament nazzjonali, u l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' self obbligatorju.

10. Skont l-analiżi ppreżentata mis-servizzi tal-Kummissjoni, is-self obbligatorju għall-bini jkun joħloq sfidi organizzattivi sinifikanti għan-netwerk tad-DGSs minħabba n-nuqqas ta' korp ċentrali, għaldaqstant jargumenta li korp ċentrali huwa meħtieġ biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tal-iskema. Barra minn hekk, l-użu tad-data fuq depożiti bankarji assigurati fl-Istati Membri, is-servizzi tal-Kummissjoni vvalutaw kif il-kapaċità ta' żborż tista' tinbidel permezz ta' bidla mis-sistema attwali għas-sistema tal-EDIS. Is-servizzi tal-Kummissjoni sostnew li, billi jinġabru kontribuzzjonijiet *ex ante* f'Fond uniku, dan ikun kapaċi jassorbi xokkijiet akbar minn kemm tista' kwalunkwe skema ta' garanzija tad-depożiti nazzjonali. Għalhekk, l-EDIS ser ittejjeb l-kopertura tal-assigurazzjoni tad-depożiti għall-banek u b'hekk iżżid il-livell ta' fiduċja tad-depożitanti fl-Istati Membri parteċipanti kollha, mingħajr ma jinbidel il-livell totali ta' ffinanzjar u l-ispejjeż għall-banek. Madankollu, l-analiżi tal-fażijiet differenti wriet li għal xi pajjiżi għal xi perijodu matul l-introduzzjoni gradwali, xi drabi seta' kien ta' aktar benefiċċju li jżommu DGS nazzjonali sħiħa. Barra minn hekk, l-analiżi ppreżentata wriet li l-akbar benefiċċji għandhom jiġu miksuba fil-koassigurazzjoni u l-fażijiet ta' assigurazzjoni sħiħa. Il-fażi ta' riassigurazzjoni tagħti ftit benefiċċju ekonomiku dirett.

---

6 Dok. SEC(2010) 834 finali.

11. Diversi Stati Membri apprezzaw dan l-input u appoġġaw l-intenzjoni tas-servizzi tal-Kummissjoni li jaħdmu fuq evalwazzjonijiet topiċi fil-mira fil-qafas tad-diskussjonijiet futuri dwar dispożizzjonijiet speċifiċi. Diversi Stati Membri oħra, madankollu, esprimew tħassib serju kemm dwar l-approċċ, inkluż is-suppożizzjonijiet bażiċi tiegħu, u l-konklużjonijiet li saru s'issa. Dawn l-Istati Membri appellaw għal kemm jista' jkun ċarezza *ex ante* possibbli dwar l-impatt globali (inkluż kwalunkwe effett negattiv) tal-proposta, anke meta mqabbla ma' alternattivi possibbli għall-EDIS, inkluż arranġamenti ta' governanza emendati għal skema ta' self obbligatorju. Skont xi wħud minn dawn l-Istati Membri, il-proċedura tal-Kummissjoni ma tikkonformax mar-rekwiżiti skont il-Protokoll dwar is-Sussidjarjetà u rekwiżiti aħjar ta' regolamentazzjoni u talbu li ssir valutazzjoni sħiħa tal-impatt.

12. Il-Presidenza temmen li, sabiex ikun hemm bażi komprensiva u solida għad-definizzjoni ta' pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-proposta tal-EDIS, għandhom jitwettqu analiżi addizzjonali mis-servizzi tal-Kummissjoni, li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni għal elementi ewlenin oħra tal-proposta, b'mod partikolari inkluż l-opzjonijiet alternattivi possibbli għall-elementi varji. Għalhekk, l-Istati Membri indikaw għadd ta' suġġetti għal analiżi ulterjuri dwar it-tfassil u l-effetti tal-EDIS li dwarhom ġiet mitluba aktar spjegazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni indikat ir-rieda tagħha li tikkontribwixxi analiżijiet mmirati dwar il-kwistjonijiet bħalma huma meqjusa rilevanti mill-AHWP.[7]

**1.2. L-adegwatezza tal-bażi ġuridika**

13. Għadd sinifikanti ta' Stati Membri qajmu tħassib (qawwi) dwar l-adegwatezza tal-bażi ġuridika tal-proposta, l-Artikolu 114 TFUE, filwaqt li sostnew b'mod partikolari li l-obbligu fuq banek li jħallsu kontribuzzjonijiet lill-Fond Ewropew ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti Fund ("DIF") ikun qed jaffetwa s-sovranità baġitarja tal-Istati Membri.

[7] Skont in-nota tal-presidenza li tqassmet fl-4/3/2016 intitolata "Suġġetti li huma ssuġġeriti għal aktar analiżi dwar in-neċessità u l-effetti tal-EDIS".

14. L-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tat-12 ta' April 2016[8] indirizzat il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 114 TFUE huwiex bażi ġuridika adatta għall-istabbiliment ta' sett ta' regoli uniformi u proċedura ċentralizzata għat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll għall-ħolqien tad-DIF u jiġu ffinanzjati kontribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet koperti mill-proposta. L-istess opinjoni tinkludi wkoll konsiderazzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' rikors għall-metodu intergovernattiv.

15. Minħabba d-diverġenza tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri rigward l-opzjoni li jistabbilixxu Konferenza Intergovernattiva biex tittratta l-finanzjament tad-DIF, il-Presidenza hija tal-fehma li – simili bħan-negozjati dwar il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRM) – għandha tiġi esplorata l-possibbiltà li jkollha ftehim intergovernattiv (IGA) b'qafas tajjeb.

## 2. SITWAZZJONI ATTWALI DWAR KWISTJONIJIET SPEĊIFIĊI

16. Il-Presidenza Netherlandiża bdiet billi tiddiskuti l-elementi speċifiċi tal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet u t-temi sensittivi, li jistgħu jkunu soġġetti għal aktar diskussjoni. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet u l-gwida pprovduta mill-Istati Membri dwar is-sensittivitajiet, il-Presidenza Netherlandiża għamlet progress b'eżami aktar dettaljat ta' xi elementi tal-proposta, billi bdiet bid-dispożizzjonijiet relatati ma' "stat stabbli" (jiġifieri l-istadju finali ta' mutwalizzazzjoni sħiħa tal-EDIS) pjuttost milli bl-istadji intermedji (koassigurazzjoni u riassigurazzjoni). L-idea tal-Presidenza kienet li jekk nilħqu qbil dwar l-istat kostanti u l-kwistjonijiet orizzontali kollha (governanza eċċ), tkun aktar faċli li naqblu dwar il-passi intermedjarji.

8 Dok. 7862/16.

17. Abbażi tal-kummenti riċevuti mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza identifikat għadd ta' suġġetti ewlenin u opzjonijiet konkreti dwar kif għandhom tittratthom fil-qafas tal-AHWP. Xi Stati Membri esprimew il-fehma li fin-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt jew analiżi ulterjuri bir-reqqa, l-ebda elementi speċifiċi tal-proposta tal-EDIS u l-effett potenzjali tagħhom ma jistgħu jiġu evalwati bir-reqqa. Għalhekk, is-suġġetti u l-opzjonijiet ġew diskussi fuq bażi preliminari.

18. Il-Presidenza Netherlandiża kklassifikat <u>is-suġġetti ewlenin fi tliet kategoriji ewlenin</u>:

- Dispożizzjonijiet li ġew emendati permezz ta' dokument ta' ħidma tal-Presidenza, li ntbagħat lill-membri tal-AHWP għal-laqgħa fl-1 ta' Ġunju 2016, wara diskussjoni dettaljata tal-proposta tal-Kummissjoni.
- Dispożizzjonijiet li għalihom it-triq 'il quddiem hija temporanjament aċċettabbli għal għadd kbir ta' Stati Membri, għalkemm mhux kollha, iżda li ħaqqhom jew <u>aktar irfinar</u> fl-abbozzar jew aktar konsiderazzjoni ta' xi elementi speċifiċi tat-test.
- Dispożizzjonijiet li jeħtieġu <u>dibattitu aktar fundamentali</u> fl-AHWP.

Is-sitwazzjoni attwali tad-diskussjonijiet ta' kull wieħed minn dawn il-kategoriji huma ppreżentati hawn taħt.

19. Minkejja l-klassifikazzjoni ta' hawn fuq, il-Presidenza, abbażi ta' suġġerimenti bil-miktub mid-delegazzjonijiet, issuġġerixxiet għadd ta' aġġustamenti tekniċi għall-proposta tal-Kummissjoni fid-dokument ta' ħidma msemmi hawn fuq.

## 3. DISPOŻIZZJONIJIET EMENDATI MILL-PRESIDENZA

**3.1. Impenji ta' pagament irrevokabbli** (Artikolu 3)

20. Xi Stati Membri indikaw li jixtiequ l-impenji ta' pagament irrevokabbli (IPCS) li għandhom jitqiesu bħala mezzi finanzjarji li l-istituzzjonijiet jittrasferixxu lid-DIF sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira tiegħu. Din l-opzjoni ma kinitx inkluża fil-proposta tagħha mill-Kummissjoni, li esprimiet riżervi fir-rigward ta' kwistjonijiet operazzjonali li tista' tqajjem biex jiġi żgurat twassil f'waqtu tal-kollateral.

21. Bħala kompromess, il-Presidenza pproponiet emendi għall-Artikoli 3 u 74b tal-proposta sabiex jinkludu l-IPCs fil-mezzi finanzjarji disponibbli tad-DIF, filwaqt li tiddelega setgħat lill-Kummissjoni biex tispeċifika aktar ir-rekwiżiti li japplikaw lill-IPCs u li jiżguraw l-applikazzjoni konsistenti fi ħdan il-qafas tal-EDIS. Dan l-approċċ ġie aċċettat mill-maġġoranza tal-AHWP.

**3.2. Deroga mir-rotta ta' finanzjament** (Artikolu 41j)

22. Għalkemm il-proposta tal-Kummissjoni tippermetti l-possibbiltà ta' deroga, fuq bażi temporanja, mir-rotta ta' finanzjament tal-EDIS fuq l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, għadd ta' Stati Membri appellaw biex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu speċifikati aktar, partikolarment biex jiġu ċċarati l-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi għad-deroga.

23. Sabiex tinżamm il-kopertura tal-EDIS, il-Presidenza pproponiet li tagħmel id-deroga awtomatika meta jkun seħħ avveniment ta' żborż sa sena qabel id-data li fiha ċertu livell ta' finanzjament għandu jkun intlaħaq, filwaqt li jiġi żgurat li d-DGS hija konformi mill-ġdid mar-rekwiżiti tar-rotta ta' finanzjament sa mhux aktar tard minn sentejn wara dik id-data. Il-kompetenza tal-Kummissjoni li tapprova ta' perijodu itwal għad-deroga għal ċerti raġunijiet debitament ġustifikati tħalliet intatta, sabiex jippermettu soluzzjonijiet imfasslin apposta flimkien mad-deroga awtomatika.

24. L-approċċ tal-Presidenza ġie aċċettat b'mod proviżorju minn xi Stati Membri, waqt li oħrajn esprimew il-fehma li r-rotta ta' finanzjament tiddependi fuq l-istruttura ġenerali tal-EDIS u għalhekk ma tistax tiġi diskussa separatament. L-irfinar ulterjuri huwa meħtieġ dwar dan is-suġġett.

**3.3. Mekkaniżmu ta' appell** (Artikolu 85)

25. Ir-Regolament SRM jistabbilixxi Bord tal-Appell u jiftaħ il-possibbiltà li jiġu appellati xi deċiżjonijiet tal-Bord taħt il-qafas tal-SRM. Madankollu, xi Stati Membri talbu li l-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' appell jitwessa' għal deċiżjonijiet relatati mal-EDIS li jistgħu jkunu suġġetti għal appell li għandu jiġi speċifikat fl-Artikolu 85.

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Presidenza ressqet emenda li tiċċara li xi dispożizzjonijiet jistgħu jkunu soġġetti għal appell, u b'mod partikolari dawk relatati ma': skwalifiki (41i), id-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament (41m), il-ħlas lura ta' fondi u d-determinazzjoni t-telf ta' eċċess (41o), il-monitoraġġ ta' proċedura ta' insolvenza (41q), kontribuzzjonijiet *ex ante* (74c) u kontribuzzjonijiet *ex post* (74d).

27. L-emendi ssuġġeriti ġew aċċettati minn xi Stati Membri, filwaqt li oħrajn indikaw il-ħtieġa ta' aktar analiżi legali u teknika.

## 4. DISPOŻIZZJONIJIET LI JEĦTIEĠU AKTAR IRFINAR/KJARIFIKA

**4.1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS** (l-Artikoli 1 u 2)

28. Wieħed mis-suġġetti materjali tal-proposta leġislattiva jikkonċerna l-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS. L-Istati Membri indikaw li għandha tiġi speċifikata b'mod aktar ċar, speċjalment fir-rigward tal-fergħat f'pajjiżi terzi, kif ukoll ċerti entitajiet li mhumiex l-istituzzjonijiet ta' kreditu (jiġifieri entitajiet li bħalissa huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tas-CRDIV (l-artikolu 2(5)) u għalhekk mill-kamp ta' applikazzjoni tal-MSU) li jistgħu jiġu koperti mid-DGS parteċipanti.

*4.1.1. Il-fergħat f'pajjiżi terzi*

29. Fil-qafas tad-DGSD, il-kwistjoni tal-fergħat f'pajjiżi terzi hija trattata permezz ta' opzjoni ta' Stat Membru: għalkemm test ta' ekwivalenza huwa obbligatorju, l-Istati Membri għandhom biss l-opzjoni li jobbligaw fergħa f'pajjiż terz biex tissieħeb f'DGS nazzjonali jekk l-iskema ta' protezzjoni ta' pajjiż terz ma titqiesx bħala ekwivalenti.

30. Sabiex tiġi żgurata sistema li tiffunzjona fil-qafas tal-EDIS, il-Presidenza pproponiet li tagħti lill-Kummissjoni l-kompetenza li twettaq il-verifika tal-ekwivalenza obbligatorja. Abbażi ta' dan, l-awtoritajiet kompetenti ser jiddeċiedu dwar in-neċessità li tirrikjedi lill-fergħa f'pajjiż terz biex tissieħeb f'DGS nazzjonali. Dan jiżgura li l-Istati Membri jeżerċitaw l-opzjoni li jirrikjedu l-kopertura tad-DGS ta' fergħat f'pajjiż terz b'mod aktar konsistenti. Il-fergħat f'pajjiż terz li jkunu meħtieġa jissieħbu ma' DGS nazzjonali jistgħu mbagħad ikunu koperti mill-EDIS.

31. Madankollu, soluzzjoni bħal din ma tiżgurax allinjament xieraq bejn il-kampi ta' applikazzjoni tal-EDIS u l-MSU, hekk kif il-fergħat f'pajjiżi terzi huma sorveljati mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali tagħhom. Għalhekk teħtieġ aktar diskussjoni.

*4.1.2 Entitajiet minbarra l-istituzzjonijiet ta' kreditu koperti minn DGSs parteċipanti*

32. In-nuqqas ta' allinjament bejn il-kampi ta' applikazzjoni tal-EDIS u tal-MSU/CRR huwa wkoll kwistjoni prinċipali peress li din tirrigwarda entitajiet oħra li mhumiex istituzzjonijiet ta' kreditu, bħalma huma l-unjonijiet tal-kreditu, li jistgħu jkunu koperti minn DGSs parteċipanti. Xi Stati Membri qajmu tħassib qawwi dwar il-fatt li d-depożituri tal-entitajiet li ma japplikawx ir-regoli attwali tas-CRR/CRD (minkejja li huma soġġetti għal sistema nazzjonali u f'xi Stati Membri għal regoli bbażati fuq CRR/CRD) imbagħad ma jkunux protetti bis-sistema Ewropea. Diversi Stati Membri, madankollu, esprimew tħassib peress li l-Unjonijiet tal-Kreditu mhux dejjem ikunu regolati u ssorveljati taħt is-CRR/CRD u l-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Għal dawn l-Istati Membri huwa mixtieq allinjament sħiħ tal-kampi ta' applikazzjoni. Madankollu, l-Istati Membri wrew disponibbiltà li jesploraw l-inklużjoni ta' dawk l-entitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-EDIS b'soluzzjoni fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet proporzjonati li għandhom jiġu applikati għal dak is-sett ta' entitajiet fil-kuntest tar-rieżami li jmiss tas-CRR/CRD. Dan l-AHWP għandu jerġa' lura għal din il-kwistjoni meta jkun hemm aktar ċarezza dwar ir-rieżami tas-CRR/CRD.

**4.2. Skwalifika u multi** (l-Artikoli 41i, 41j, 41l, 41m, 50a)

33. Il-proposta tal-Kummissjoni introduċiet għadd ta' salvagwardji sabiex jiġi evitat periklu morali u b'mod partikolari l-aċċess żbaljat jew mhux ġustifikat għal fondi tal-EDIS mid-DGSs parteċipanti.

34. Madankollu, filwaqt li l-Istati Membri ġeneralment raw il-ħtieġa ta' salvagwardji, ħafna esprimew diversi tħassib dwar il-proċedura proposta. L-ewwel, il-legalità tal-proċedura ġiet ikkontestata. Kien indikat ukoll li l-iskwalifika jista' jkollha impatt negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja. Diversi Stati Membri jqisu li l-kondizzjonijiet għall-esklużjoni u l-multi għandhom jiġu ċċarati u li l-esklużjoni jista' jkun li hija piena sproporzjonata. B'mod partikolari, xi Stati Membri talbu għall-possibbiltà li japplikaw sanzjonijiet (amministrattivi) oħra qabel iduru fuq l-iskwalifika, u talbu għall-possibbiltà ta' perijodu ta' rimedju.

35. Bħala t-triq il quddiem, il-Presidenza pproponiet l-istabbiliment ta' skala ta' interventi spazjati dwar il-konformità mar-regoli tal-DGSD u l-EDIS fejn il-protezzjoni tad-depożitanti hija l-objettiv ewlieni u l-iskwalifika tkun possibbli biss bħala l-aħħar pass. L-idea ċentrali wara l-iskala ta' interventi spazjati hija li anke f'każ ta' non-konformità minn DGS, il-finanzjament għandu jsir disponibbli iżda biss fil-forma ta' self soġġett għal ċerti kondizzjonijiet. Barra minn hekk, id-DGSs ser ikunu soġġetti għal monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni u l-Bord, b'evalwazzjonijiet regolari tas-DGSs fuq l-abbiltà tagħhom li jissodisfaw l-obbligi ewlenin tagħhom li għandhom ikunu definiti fil-proposta tal-EDIS innifisha. L-interazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tal-iskwalifika u r-rotta tal-finanzjament huwa speċifikat aktar fl-artikolu 41j.

36. Skont l-iskala ta' interventi spazjati, jekk DGS ma tissodisfax l-obbligi ewlenin tagħha, il-Bord u l-Kummissjoni jkollhom diversi opzjonijiet għad-dispożizzjoni tagħhom: bħala l-ewwel pass, il-Bord joħroġ rakkomandazzjoni li tinkludi azzjonijiet ta' rimedju. Konsegwentement, il-Kummissjoni tista' "tagħti struzzjonijiet" lid-DGS biex tiżgura konformità fi żmien 3 xhur, jew tittrasforma l-finanzjament tal-EDIS f'self f'każ ta' avveniment ta' żborż ex post. Barra minn hekk, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità dejjiema u kooperazzjoni qarrieqa, id-DGS tista' tiġi skwalifikata mill-EDIS. L-iskwalifika ma għandhiex għalfejn tkun permanenti. Id-DGS għandha, fil-prinċipju, tkunu tista' (terġa') tikkwalifika għall-kopertura mill-EDIS ladarba tissodisfa r-rekwiżiti kollha. Il-kriterji għandhom jiġu żviluppati għal dan il-proċess.

37. Bi tweġiba għat-talba minn xi Stati Membri għal aktar differenzazzjoni fl-iskala tal-intervent, twettqet valutazzjoni preliminari dwar il-possibbiltà li jiġu applikati multi, li kkonkludiet li dawn mhumiex fattibbli minn perspettiva legali. Barra minn hekk, xi Stati Membri esprimew tħassib fir-rigward ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni, minħabba li s-sorveljanza tad-DGS taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

**4.3. Opzjonijiet u diskrezzjonijiet fi ħdan id-DGSD**

38. Kwistjoni oħra indirizzata mill-AHWP hija dwar jekk il-41 opzjoni u diskrezzjoni nazzjonali ("ONDs") inkorporati fid-DGSD - dwar, pereżempju, il-livell ta' fondi fil-mira, il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet, u ċerti tipi ta' depożiti eliġibbli - għandhomx jiġu applikati bl-istess mod (jew tal-inqas jiġu speċifikati aktar) fil-kuntest tal-proposta tal-EDIS.

39. Minn perspettiva legali, l-armonizzazzjoni tal-ONDs relatati ma' DGS parteċipanti tista' tinkiseb b'żewġ modi: (i) b'modifika tad-DGSD permezz ta' att leġislattiv separat; jew (ii) billi jiġu speċifikati wkoll ċerti ONDs li jinsabu fid-DGSD unikament għall-finijiet tal-EDIS, fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja, b'segwitu tal-preċedent tal-SRM fir-relazzjoni tiegħu mal-BRRD. Madankollu, għandu jiġi nnotat li hemm limitazzjonijiet legali għall-applikazzjoni ta' dan l-approċċ tal-aħħar, jiġifieri fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u s-sħubija tad-DGSs.

40. Ir-riżultati ta' stħarriġ li tnieda mill-Presidenza indikaw li l-Istati Membri jikkunsidraw li armonizzazzjoni fuq il-livell tal-Unjoni Bankarja hija aċċettabbli u importanti, b'mod partikolari għal elementi ewlenin fl-EDIS bħall-proċedura ta' żborż u l-kopertura pprovduta.

41. Barra minn hekk, kien hemm fehmiet diverġenti dwar kemm hi mixtieqa l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE-28. Xi Stati Membri, b’mod partikolari dawk li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, enfasizzaw li l-ONDs kienu inklużi fid-DGSD bl-għan li jirriflettu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u li dawn għandhom għalhekk jibqgħu disponibbli.

42. Il-Presidenza kkonkludiet li, minbarra l-ONDs li ġew diġà indirizzati mill-proposta tal-Kummissjoni (dwar kontribuzzjonijiet u mezzi disponibbli kif ukoll dwar l-introduzzjoni gradwali), xi ONDs addizzjonali (dwar il-kopertura u l-proċedura ta' żborż) jistgħu jiġu speċifikati għall-Istati Membri parteċipanti permezz tat-test tal-EDIS u fir-rigward tal-fond tal-EDIS.

43. Il-Presidenza mbagħad ipproponiet metodu li jispeċifika r-relazzjoni bejn l-EDIS u d-DGS parteċipanti, partikolarment f’termini ta’ flussi finanzjarji, mingħajr ma jaffettwa direttament l-ONDs tad-DGS parteċipanti, li għandha tibqa' intitolata li tieħu miżuri nazzjonali (eż. l-estensjoni tal-kopertura ta’ bilanċi għoljin temporanji), sakemm dawn ikunu ffinanzjati esklużivament permezz ta’ mezzi nazzjonali mhux relatati mal-EDIS.

44. Ħafna Stati Membri esprimew li huma tal-fehma li s-soluzzjoni ppreżentata mill-Presidenza għandha tiġi żviluppata aktar, filwaqt li xi wħud kienu mħassba dwar il-possibbiltà li tali sistema fuq żewġ livelli tista’ żżid il-kumplessità tas-sistema u twassal għal kondizzjonijiet mhux ugwali fir-rigward tal-protezzjoni tad-depożitanti u n-newtralità f'termini ta' spejjeż.

45. F’dan il-kuntest, il-Presidenza tipproponi li titkompla l-ħidma fuq il-bażi tal-approċċ ippreżentat, li jista’ jiġi applikat għal għadd ta' ONDs, filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod separat l-ONDs relatati mal-kamp ta’ applikazzjoni u s-sħubija kif ukoll dawk relatati ma' "miżuri alternattivi" fil-kuntest tal-proċeduri ta’ insolvenza minn DGS parteċipanti, kif speċifikat fid-DGSD 11(6). Għal dawk il-miżuri alternattivi, it-triq’ il quddiem tista’ tkun li jiġi permess it-trasferiment tal-ktieb tad-depożiti, tad-depożiti koperti biss, kif ġie wkoll issuġġerit fl-opinjoni tal-BĊE dwar il-proposta.

**4.4. Kopertura u eliġibbiltà ta' depożiti għall-fini tal-EDIS** (Artikoli 41c, 41g)

46. Għalkemm il-kwistjoni tal-livell ta' kopertura tal-EDIS hi waħda mill-kwistjonijiet fundamentali li għandhom jiġu diskussi aktar fil-qafas tal-istruttura globali tal-EDIS (ara parti 3 hawn taħt), il-Presidenza ppreżentat proposta dwar kif ir-regoli tad-DGSD dwar il-kopertura għandhom japplikaw għall-fond Ewropew, skont il-prinċipji ġenerali miftiehma għall-armonizzazzjoni tal-opzjonijiet u d-diskrezzjonijiet tad-DGSD għall-fini tal-EDIS (kif deskritt fil-punt 2.3 hawn fuq).

47. B'mod partikolari, il-Presidenza ssuġġeriet li jiġi kkjarifikat i) il-livell tal-kopertura/l-assigurazzjoni tal-EDIS fir-rigward ta' DGS parteċipanti (sa ammont aggregat ta' depożiti għal kull depożitatur ta' EUR 100 000), ii) it-trattament ta' intitolament minn żewġ persuni jew aktar għal depożitu ta' negozju, u iii) il-kopertura ta' bilanċi għoljin temporanji.

48. Filwaqt li l-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet aċċettaw l-approċċ propost mill-Presidenza dwar l-ewwel żewġ kwistjonijiet, il-kwistjoni ta' bilanċi għoljin temporanji teħtieġ aktar analiżi. Fil-fatt, il-proposta li l-ammont jiġi stabbilit fil-livell ta' EUR 500 000 ma ġietx appoġġata b'mod sħiħ. Bosta Stati Membri indikaw li dan l-ammont għandu jirrifletti aħjar il-livell tal-għajxien fil-pajjiżi tagħhom. B'riżultat ta' dan, xi Stati Membri, li implimentaw ammonti ogħla fil-livell nazzjonali, jibżgħu li l-proposta tal-Presidenza jkollha impatt negattiv fuq il-protezzjoni tad-depożituri tagħhom, filwaqt li oħrajn jibżgħu li l-livell ta' kopertura ssuġġerit huwa għoli wisq.

49. Barra minn hekk, ħafna Stati Membri ddikjaraw li d-diskrezzjoni nazzjonali ma tidhirx biss permezz ta' differenzi fil-livell ta' kopertura jew il-perijodu ta' kopertura. Daqstant importanti, id-dispożizzjonijiet jirreferu għal leġislazzjoni nazzjonali għal sitwazzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu koperti, li huma rregolati f'oqsma differenti ħafna tal-leġislazzjoni nazzjonali (eż. il-liġi soċjali, il-liġi ċivili, il-liġi tax-xogħol) u għalhekk huma diffiċli li jiġu armonizzati. Il-Presidenza kkonkludiet li kienet meħtieġa aktar diskussjoni. Filwaqt li livell ta' kopertura kkalibrat fuq l-ammonti medji jew medjani jista' jkun ġustifikabbli, triq 'il quddiem alternattiva tista' tkun li jiġi armonizzat biss ammont minimu ta' kopertura ta' telf ta' bilanċi għoljin temporanji permezz tal-EDIS (u għaldaqstant ikun possibbli li l-Istati Membri jiffinanzjaw kwalunkwe żieda permezz ta' mezzi finanzjarji li jifdal fuq livell nazzjonali).

**4.5. Kontribuzzjonijiet** (Artikoli 74c, 74d)

50. Għadd kbir ta' Stati Membri talbu li l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mill-banek tiġi inkluża fit-test tal-livell 1, minflok f'att delegat kif propost mit-test tal-Kummissjoni. Diskussjoni preliminari wriet ċar li l-Istati Membri ġeneralment iħossuhom skomdi bil-proċess fejn il-banek jiġu kkumpensati b'fondi diġà mħallsa fid-DGS nazzjonali, u jippreferu trasferiment dirett mill-fondi disponibbli fid-DGS nazzjonali għad-DIF. Barra minn hekk, id-diskussjoni preliminari enfasizzat li hija meħtieġa ħidma ulterjuri dwar il-metodoloġija tal-kontribuzzjoni ta' riskju. B'mod partikolari, tinħtieġ aktar diskussjoni sabiex wieħed jifhem l-impatt fuq banek u Stati Membri individwali. Biex tkun tista' ssir diskussjoni aktar fundamentali (ara hawn taħt), il-Presidenza għalhekk talbet lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-metodoloġija proposta kif ukoll dwar il-konsegwenzi finanzjarji.

**4.6. Governanza u l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont l-EDIS** (Artikoli 43 sa 59)

51. L-istruttura l-ġdida ta' governanza tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB) taħt l-EDIS (il-parteċipanti, il-proċeduri ta' votazzjoni, il-kompiti tal-Bord) kienet ġeneralment milqugħa tajjeb mill-Istati Membri, għalkemm xi Stati Membri esprimew tħassib dwar aspetti speċifiċi tad-dispożizzjonijiet tal-governanza. Stati Membri oħra ddikjaraw li l-proċess ta' governanza jista' jiġi vvalutat biss, ladarba l-istruttura finali tal-EDIS tkun ċara. Xi Stati Membri qajmu l-kwistjoni ġenerali ta' konflitt ta' interess fi ħdan l-SRB.

52. B'mod partikolari, il-livell limitu għall-involviment tas-sessjoni plenarja tal-Bord (stabbilit għal 25% tal-użu tad-DIF fil-proposta tal-Kummissjoni) ġie diskuss, billi xi Stati Membri jikkunsidraw li l-livell limitu huwa għoli wisq, filwaqt li oħrajn iqisu li mhux meħtieġ.

53. Il-modalitajiet tal-votazzjoni wkoll qajmu dibattitu: filwaqt li xi Stati Membri jippreferu r-regoli kif ġew adottati fir-Regolament tal-SRM, oħrajn jopponu r-rekwiżit li d-deċiżjonijiet jittieħdu bl-appoġġ tal-membri li jirrappreżentaw tal-inqas 30% tal-kontribuzzjonijiet ladarba jkun intlaħaq il-livell fil-mira.

54. Fuq livell ġenerali, il-proposta inizjali tal-Kummissjoni kienet soluzzjoni tajba dwar id-dispożizzjonijiet kollha ta’ governanza, iżda kien jixirqilha li l-artikoli tagħha jiġu diskussi wieħed wieħed.

## 5. DISPOŻIZZJONIJIET LI JEĦTIEĠU DISKUSSJONI FUNDAMENTALI

55. Għadd ta’ suġġetti ewlenin tal-proposta tal-EDIS għadhom ma ġewx diskussi fid-dettall. Minħabba differenzi fundamentali fl-approċċi espressi mill-Istati Membri fir-rigward ta’ dawk il-kwistjonijiet, il-Presidenza kkunsidrat li mhix f’pożizzjoni li tipprovdi kwalunkwe suġġerimenti konkreti dwar it-triq ’il quddiem qabel ma l-AHWP ikollu skambju ta' fehmiet profond dwar kull wieħed minn dawn is-suġġetti.

56. Is-suġġetti li ġew identifikati bħala li jistħoqqilhom aktar diskussjonijiet fundamentali, kif ukoll l-oqsma prinċipali ta’ tħassib li ġew identifikati mill-Istati Membri, jinkludu:

- L-adeżjoni u t-tluq ta' Stat Membru mill-EDIS, u l-kondizzjonijiet li taħthom tali adeżjoni u tluq jistgħu jseħħu;
- Il-pass u l-proċess ta’ mutwalizzazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' mezzi nazzjonali u komuni;
- Il-monitoraġġ u l-eżerċizzju ta' proċess ta’ insolvenza mill-Bord;
- Il-kalkolu ta’ kontribuzzjonijiet ex ante u l-ispeċifikazzjoni ta’ metodoloġija għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju;
- L-użu ta’ mezzi komuni għal miżuri alternattivi u l-interazzjoni mal-prinċipju tan-newtralità tal-ispejjeż għad-DGS parteċipanti.

## III. MIŻURI BIEX TISSAĦĦAĦ L-UNJONI BANKARJA

### 1. KISBIET ATTWALI

57. Waqt id-diskussjoni fl-AHWP, Stat Membru fakkar li ħafna miżuri diġà ġew adottati u implimentati b'ħeffa bħal qatt qabel. Dawn jinkludu żewġ pilastri importanti tal-Unjoni Bankarja li diġà ġew stabbiliti.

58. L-ewwel pilastru beda wara **valutazzjoni komprensiva** - li tikkonsisti minn rieżami tal-kwalità tal-assi u test tal-istress - tal-istituzzjonijiet ta' kreditu sinifikanti kollha tal-Unjoni Bankarja, li rriżultat f'żieda fit-trasparenza, il-fiduċja u aġġustamenti sostanzjali ta' kapital minn dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu. Il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (**MSU**) sar operazzjonali f'Novembru 2014 u diġà qed jikseb riżultati rigward l-għan tiegħu li jikseb superviżjoni prudenzjali b'saħħitha, indipendenti u uniformi fl-Unjoni Bankarja. Pereżempju, saru passi importanti lejn superviżjoni armonizzata u imparzjali bit-twettiq tal-**Analiżi Superviżorja u l-Proċess ta' Evalwazzjoni (SREP)** skont metodoloġija komuni għal entitajiet li huma sorveljati direttament, li tiżgura konsistenza, tevita tolleranza superviżorja u tirrikonoxxi l-ispeċifiċitajiet tal-istituzzjonijiet.

59. It-tieni pilastru, il-Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni (**SRM**), għandu setgħat ta’ riżoluzzjoni u ilu operazzjonali b'mod sħiħ minn Jannar 2016 meta l-ewwel kontribuzzjonijiet ġew trasferiti għall-Fond Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRF) wara r-ratifika tal-Ftehim Intergovernattiv mill-Istati Membri kollha li jipparteċipaw fl-Unjoni Bankarja. L-SRB qed jiżgura l-konsistenza tal-approċċi għal attivitajiet ta’ riżoluzzjoni (kemm fl-ippjanar ta' riżoluzzjoni kif ukoll fit-tħejjija ta’ skemi ta’ riżoluzzjoni) b’diversi modi. L-ewwel, huwa impenja ruħu, f’kollaborazzjoni mal-NRAs (awtoritajiet regolatorji nazzjonali), fit-tħejjija ta’ żewġ manwali li jittrattaw l-ippjanar ta' riżoluzzjoni u l-ġestjoni ta' kriżijiet rispettivament. It-tieni nett, huwa ddefinixxa pożizzjoni komuni dwar kwistjonijiet ta' politika ta’ riżoluzzjoni rilevanti (eż. l-istabbiliment ta’ rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli) permezz ta’ diskussjonijiet f’Kumitati u fil-Plenarja. It-tielet nett, huwa jikkoordina t-Timijiet Interni ta’ Riżoluzzjoni (IRTs) li jwettqu l-attività tal-ippjanar ta' riżoluzzjoni abbażi tal-kompetenza tal-SRB u l-NRAs. L-SRB huwa avvanzat sew fl-ilħuq tal-mira li jkun hemm pjan ta’ riżoluzzjoni għall-banek kbar fl-Unjoni Bankarja sal-aħħar tal-2016. L-SRB jippromwovi wkoll il-konsistenza ta’ attivitajiet ta' riżoluzzjoni imwettqa mill-NRAs għal Istituzzjonijiet Inqas Sinifikanti taħt ir-responsabbiltà diretta tagħhom prinċipalment permezz tal-valutazzjoni ta’ abbozzi ta’ deċiżjonijiet ta’ riżoluzzjoni (eż. pjanijiet ta’ riżoluzzjoni) li l-NRAs huma obbligati jinnotifikaw lill-SRB.

60. Rigward l-SRF, l-Istati Membri parteċipanti qablu mal-Bord Uniku ta’ Riżoluzzjoni (SRB) fit-8 ta’ Diċembru 2015 dwar **Ftehim armonizzat dwar Faċilità ta’ Self** (LFA), li jipprovdi linji ta’ kreditu nazzjonali lill-SRB biex jiġu appoġġati l-kompartimenti nazzjonali tal-SRF f’każ ta’ nuqqasijiet possibbli ta’ finanzjament f’dak il-kompartiment wara l-każijiet ta’ riżoluzzjoni tal-banek tal-Istat Membru kkonċernat.

61. Barra minn hekk, f'Diċembru 2013 il-Kunsill adotta dikjarazzjoni dwar il-**garanzija ta' kontinġenza tal-SRM**, li tindika li ser tiġi żviluppata garanzija ta' kontinġenza komuni matul il-perijodu ta' transizzjoni, u din ser tkun operazzjonali b'mod sħiħ sa mhux aktar tard minn tmiem il-perijodu transizzjonali (jiġifieri sal-1 ta' Jannar 2024) u li l-progress għandu jiġi rieżaminat ftit wara d-dħul fis-seħħ tal-SRF. Il-Kunsill tenna l-impenn tiegħu f'Diċembru 2015 u speċifika wkoll li "l-garanzija ta' kontinġenza komuni ser tkun fiskalment newtrali fuq terminu medju u ser tiżgura trattament ekwivalenti fl-Istati Membri parteċipanti kollha, u kif ukoll li l-Istati Membri li mhux qed jieħdu sehem fl-Unjoni Bankarja mhu ser iġarrbu l-ebda spejjeż" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

62. Barra minn hekk, iż-żewġ pilastri msemmija hawn fuq huma sostnuti mill-fatt li kważi l-membri kollha tal-Unjoni Bankarja **ttrasponew u implimentaw** id-dispożizzjonijiet legali rilevanti kollha fil-liġi nazzjonali tal-**ġabra unika tar-regoli**, filwaqt li ġiet żgurata regolamentazzjoni aktar konsistenti u superviżjoni ta' kwalità għolja fl-UE kollha permezz ta':

a) Rekwiżiti prudenzjali aktar b'saħħithom għall-banek li ġew introdotti skont is-**CRDIV/CRR**. Dan saħħaħ il-kapaċità tal-banek li jassorbixxu xokkijiet ekonomiċi u finanzjarji negattivi billi żdiedet il-kwalità u l-kwantità tal-kapital, kibret il-kopertura tar-riskji, u tjiebu l-governanza u t-trasparenza.

b) Qafas ġdid ta' rkupru u riżoluzzjoni għall-banek li ġie stabbilit skont id-**Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek** (BRRD). Dan il-qafas għandu l-għan li jutilizza l-istabbiltà finanzjarja u jipproteġi lill-kontribwenti billi jiġu applikati r-regoli ġodda tar-rikapitalizzazzjoni interna li jimminimizzaw l-użu ta' fondi pubbliċi meta l-banek ikunu qed ifallu jew ikun probabbli li jfallu u billi l-kriżijiet tal-banek jiġu ġestiti b'mod aktar f'waqtu u ordnat.

c) Il-funzjonament ta' **Skemi nazzjonali ta' Garanzija tad-Depożiti** (DGSs) issaħħaħ permezz tad-Direttiva dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD), li tarmonizza l-kopertura tagħhom, issaħħaħ u tarmonizza l-arranġamenti tal-fondi u tiżgura proċedura opportuna ta' żborż.

## 2. SFIDI LI FADAL

63. Stat Membru fakkar li l-Unjoni Bankarja ġiet stabbilita primarjament b'reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u l-kriżi tad-dejn sovran b'mod partikolari fiż-żona tal-euro. Il-kriżi kienet fil-parti l-kbira riżultat ta' ċirku vizzjuż negattiv bejn il-banek u s-sovrani rispettivi tagħhom; it-tkissir taċ-ċirku vizzjuż bejn il-banek u s-sovrani nazzjonali rispettivi tagħhom għalhekk sar objettiv ewlieni tal-Unjoni Bankarja.

64. Il-kisbiet ta' hawn fuq, kif ukoll il-miżuri tal-BĊE u l-miżuri nazzjonali, taw kontribut sinifikanti biex titreġġa' lura l-frammentazzjoni tas-swieq finanzjarji, jiġu mmitigati l-perikoli morali u jitnaqqas ir-riskju għall-involviment tas-settur pubbliku.

65. Filwaqt li jirrikonoxxu li l-kisbiet attwali huma mingħajr preċedent u l-istabbiliment tal-Unjoni Bankarja huwa f'livell avvanzat sew f'għadd ta' oqsma, kemm f'termini ta' tnaqqis tar-riskju kif ukoll fir-rigward tal-kondiviżjoni tar-riskji, l-Istati Membri qablu li l-kostruzzjoni ġenerali u r-reżiljenza tal-Unjoni Bankarja jistgħu jissaħħu aktar permezz ta' proċess inklużiv u komprensiv ta' aktar tnaqqis tar-riskju u kondiviżjoni tar-riskji. Waqt id-diskussjoni tal-AHWP, għadd ta' **sfidi** li fadal ġew ippreżentati minn Stati Membri differenti (fl-ebda **ordni partikolari**):

a) Bosta Stati Membri qiesu li fis-sitwazzjoni attwali, id-DGSs nazzjonali għadhom **vulnerabbli** għal **xokkijiet lokali** kbar u effetti ta' kontaġju sistemiku usa'. Din is-sitwazzjoni ddgħajjef l-omoġeneità tal-protezzjoni għad-depożiti u tikkontribwixxi għal nuqqas ta' fiduċja fis-sikurezza tad-depożiti bankarji fost id-depożitanti. Bosta Stati Membri għalhekk ħeġġew biex l-EDIS tiġi avvanzata malajr.

b) Għadd ta' Stati Membri indikaw li ċ-ċaqliq minn salvataġġ għal **rikapitalizzazzjoni interna** u l-minimizzazzjoni tal-użu ta' fondi pubbliċi għandhom jiġu żgurati permezz ta' implimentazzjoni u applikazzjoni effettivi tar-regoli ta' rikapitalizzazzjoni interna u billi jiġi żgurat li jkunu disponibbli biżżejjed riżorsi għal rikapitalizzazzjoni interna. F'dan ir-rigward, xi Stati Membri enfasizzaw l-importanza ta' approċċ uniformi u proposta leġislattiva għal regoli dwar il-ġerarkija tal-kredituri u subordinazzjoni biex tittejjeb ir-rikapitalizzazzjoni interna u jitnaqqsu r-riskji legali rigward il-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur agħar.

c) Xi Stati Membri qiesu li d-differenzi li fadal fil-leġislazzjoni u l-implimentazzjoni nazzjonali jistgħu joħolqu **kondizzjonijiet mhux ekwi**. Skont uħud mill-Istati Membri, hemm ukoll riskju potenzjali li ċerti **miżuri / mezzi nazzjonali ta' politika** jista' jkollhom **impatt** sinifikanti fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek rispettivi, filwaqt li l-ispejjeż potenzjali jitħallsu mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Bankarja.

d) Il-banek tal-UE jibqgħu ferm esposti għas-sovrani nazzjonali tagħhom. Filwaqt li bosta Stati Membri appellaw għal prudenza, xi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi rieżaminat it-trattament regolatorju tal-**esponimenti sovrani**.

e) Filwaqt li xi Stati Membri diġà fakkru li r-regolament dwar l-MSU u l-SRM kif ukoll id-Dikjarazzjoni ta' Dublin jirrikonoxxu li l-**arranġamenti ta' governanza** tal-MSU u l-SRM jistgħu jiġu ssimplifikati soġġett għal bidliet fil-liġi primarja, xi Stati Membri indikaw li l-MSU u l-SRM ġew stabbiliti reċentement u għalhekk jistgħu jeħtieġu aktar żmien biex jistabbilixxu lilhom infushom b'mod sħiħ.

f) Bosta Stati Membri qiesu li l-lista estensiva ta’ miżuri prudenzjali u tal-ġestjoni ta' kriżijiet li diġà ġew miftiehma, ma jistgħux jeliminaw kompletament ir-riskju li, f’sitwazzjonijiet straordinarji u bħala l-aħħar rimedju, il-finanzjament pubbliku - filwaqt li jkun fiskalment newtrali fuq terminu medju - jista' jkun meħtieġ temporanjament biex tittejjeb il-kapaċità ta’ self tal-SRF. Filwaqt li ġie maqbul li l-SRF għandu jkollu **garanzija ta' kontinġenza komuni** biex ikun disponibbli bħala l-aħħar rimedju sa tmiem il-perijodu transizzjonali, il-ħidma fuq din il-kwistjoni għadha ma bdietx. Xi ftit Stati Membri nnotaw ukoll li 11-il Stat Membru ma ffirmawx l-FLA mal-SRB. F'konformità mad-dikjarazzjoni tal-ECOFIN tat-8 ta’ Diċembru 2015 għall-istabbiliment ta' arranġamenti ta’ finanzjament transitorju sal-1 ta’ Jannar 2016, dawk l-Istati Membri huma mistennija jiffirmaw l-FLA malajr. Xi Stati Membri oħra nnotaw iżda, li billi d-daqs tal-kompartimenti nazzjonali ser jaqa' fil-mutwalizzazzjoni progressiva tal-kontribuzzjonijiet, dawk il-linji ta’ kreditu tal-Istati Membri jkunu qed jappoġġaw sehem dejjem jonqos tal-SRF totali matul iż-żmien. Fid-dawl ta’ dan, dawk l-Istati Membri talbu li jinbdew diskussjonijiet dwar id-dettalji operazzjonali tal-garanzija ta' kontinġenza komuni mill-aktar fis possibbli.

g) Għadd ta’ Stati Membri indikaw li fadal għadd ta’ **riformi ta’ Basel** li diġà ntlaħaq qbil dwarhom (jiġifieri l-proporzjon ta’ ingranaġġ u l-proporzjon ta’ ffinanzjar stabbli nett) li jeħtieġ jiġi implimentat fl-UE sabiex tissaħħaħ aktar l-istabbiltà finanzjarja.

### 3. MIŻURI BIEX TISSAĦĦAĦ L-UNJONI BANKARJA

66. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi li fadal imsemmijin hawn fuq u biex wieħed ikompli jibni fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Stat Membru ressaq għadd ta’ miżuri għat-tnaqqis tar-riskju u l-kondiviżjoni tar-riskji li huma kkunsidrati bħala rilevanti bil-ħsieb li tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja u jitmexxa 'l quddiem is-suq Uniku għas-servizzi finanzjarji.

67. Mingħajr preġudizzju għal aktar dibattitu dwar ir-rilevanza, il-prijoritizzazzjoni, ix-xewqa u d-dettalji tekniċi ta' kull miżura, f'dan l-istadju tista' ssir distinzjoni bbażata fuq raġunijiet proċedurali; xi miżuri jistgħu jiġu indirizzati bil-ħidma li għaddejja f'diversi istituzzjonijiet / korpi (4.1) jew huma mistennija li jiġu inklużi fil-ħidma futura tal-Kummissjoni (4.2), filwaqt li miżuri oħra xorta jkunu jeħtieġu ħidma jew gwida ulterjuri mill-Kunsill (4.3).

**3.1 Ħidma li għaddejja bħalissa**

68. Bħalissa, bosta istituzzjonijiet u korpi qed jaħdmu fuq miżuri li huma kkunsidrati bħala rilevanti fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja, filwaqt li jinnotaw li bosta miżuri huma wkoll rilevanti għall-UE28. F'dan ir-rigward, l-AHWP ħa nota tal-isforzi li għaddejjin bħalissa fl-Unjoni Bankarja, l-UE28 u fuq livell internazzjonali, imsemmijin hawn taħt.

*3.1.1. Fil-livell tal-Unjoni Bankarja*

69. Fil-Kunsill, l-**AHWP** qiegħed attwalment jeżamina l-proposta dwar l-**EDIS**, li ġiet proposta mill-Kummissjoni bħala t-tielet pilastru tal-Unjoni Bankarja sabiex tiżdied ir-reżiljenza tal-Unjoni Bankarja kontra l-kriżijiet finanzjarji futuri billi titnaqqas il-vulnerabbiltà ta' skemi nazzjonali ta' garanzija tad-depożitu għal xokkijiet lokali kbar u effetti ta' kontaġju sistematiċi usa' u billi tiġi żgurata l-omoġeneità tal-protezzjoni tad-depożituri fl-Unjoni Bankarja. Il-Presidenza bdiet il-ħidma billi tiddiskuti l-elementi speċifiċi tal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet u t-temi sensittivi, li jistgħu jkunu soġġetti għal aktar diskussjoni. Abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet u l-gwida pprovduta mill-Istati Membri dwar is-sensittivitajiet, il-Presidenza għamlet progress b'eżami aktar dettaljat ta' xi elementi tal-proposta, billi bdiet bid-dispożizzjonijiet relatati ma' "stat stabbli" (jiġifieri l-istadju finali ta' mutwalizzazzjoni sħiħa tal-SEAD) pjuttost milli bl-istadji intermedji (koassigurazzjoni u riassigurazzjoni). Is-sitwazzjoni attwali u l-eżitu s'issa mill-AHWP ġew riflessi f'rapport ta' progress imfassal taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni. Il-PE qed jippjana li jistabbilixxi l-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu dwar il-proposta tal-EDIS sal-aħħar tal-2016.

70. **Stat Membru** parteċipanti wieħed qiegħed fil-proċess li jittrasponi l-**BRRD**. Ladarba l-Istati Membri parteċipanti kollha jkunu ttrasponew b'mod sħiħ il-BRRD, l-Istati Membri jikkunsidraw it-triq 'il quddiem u l-kronoloġija rigward il-ħidma dwar il-**garanzija ta' kontinġenza komuni**.

71. Il-**MSU** qed jiżgura l-**applikazzjoni konsistenti ta' standards superviżorji għoljin** għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fil-MSU kollu billi jsir l-aħjar użu possibbli mill-istrumenti mogħtija lill-BĊE. Dan japplika wkoll għas-superviżjoni ta' **Istituzzjonijiet Anqas Sinifikanti** (LSIs) li hemm proċess kontinwu għalihom għall-kooperazzjoni ta' kuljum bejn il-BĊE u l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti (NCAs) kif ukoll inizjattivi bbażati fuq proġetti li jikkonċernaw l-aktar l-iżvilupp ta' standards u metodoloġiji superviżorji konġunti relatati ma' LSIs biex jiġi żgurat li l-ġabra unika tar-regoli għas-servizzi finanzjarji hija applikata b'mod konsistenti fl-Istati Membri kkonċernati kollha.

72. Il-**MSU** identifika 122 **opzjonijiet u diskrezzjonijiet (ONDs) fis-CRR/CRDIV** li attwalment qed jiġu kkunsidrati bil-ħsieb li tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata. Fir-rigward ta' għadd kbir ta' dispożizzjonijiet ta' prijorità applikabbli għal istituzzjonijiet sinifikanti, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE adotta strumenti legali (regolament u gwida tal-BĊE) fl-14 ta' Marzu 2016, meta l-gwida kienet diġà daħħlet fis-seħħ u r-regolament huwa mistenni jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2016. Tnediet it-tieni fażi fl-2016 bil-għan li titlesta ħidma ta' mmappjar u ta' politika dwar 8 ONDs addizzjonali. Jekk jitqies adegwat, ser tiġi żviluppata speċifikazzjoni għal xi wħud minn dawn l-ONDs skont dan il-proġett wara l-valutazzjoni ta' każijiet futur li ser tippermetti lill-MSU jikseb esperjenza dwar l-applikazzjoni tagħhom, jew wara l-adozzjoni ta' qafas regolatorju mill-ABE jew il-Kummissjoni. Fir-rigward tal-**Istituzzjonijiet Anqas Sinifikanti**, il-BĊE, matul l-2016, qed jeżamina sa liema punt għandu japplika l-qafas il-ġdid għall-ONDs u kif dan jista' jiġi implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-NCAs. Madankollu, jeħtieġ jiġi nnutat li diversi ONDs fil-qafas regolatorju ma jaqgħux fil-kompetenza tal-awtorità superviżorja u jistgħu jiġu eżerċitati biss mill-Istati Membri.

73. Il-**MSU** qed **jissorvelja kontinwament** il-ħtieġa ta' azzjoni ta' rimedju wara l-Valutazzjoni Komprensiva fl-2014 biex tiġi żgurata **valutazzjoni prudenti tal-assi**, inkluż dawk valutati fuq bażi ta' valur ġust billi jintużaw inputs mhux osservabbli (l-hekk imsejħa assi tal-livell 3 fil-ġerarkija tal-valur ġust). Għal Istituzzjonijiet Sinifikanti (SIs), soġġetti għal superviżjoni diretta mill-BĊE, hemm valutazzjoni tar-riskji relatata mal-parteċipazzjonijiet materjali ta' assi ta' valur ġust tal-livell 3 fil-Proċess ta' Rieżami u ta' Evalwazzjoni Superviżorji annwali (SREP) u l-monitoraġġ li ġie kkunsidrat skont il-każ mit-Timjiet Superviżorji Konġunti fis-superviżjoni kontinwa tagħhom.

74. Il-**MSU** u l-**SRB** ikkunsidraw l-impatt tal-**istandards tal-kontabbiltà** minn perspettiva ta' superviżjoni u riżoluzzjoni. Il-MSU ngħata s-setgħa li jitlob direttament lill-banek sorveljati individwali biex jeżerċitaw IFRS għal skopijiet prudenzjali u ta' rappurtar. Filwaqt lil l-MSU jista' jeżerċita din is-setgħa jekk jitqies li huwa meħtieġ, huwa għadu ma eżerċitax dan s'issa. Wara l-konsultazzjoni pubblika dwar il-Gwida tal-ONDs fit-18 ta' Mejju, ser jiġi deċiż jekk il-MSU huwiex ser jimponi rekwiżit bħal dan. Fir-rigward tal-valutazzjoni għall-iskopijiet ta' riżoluzzjoni, għandu jiġi nnutat li l-SRB jikkunsidra li valutazzjoni bħal din tista' titwettaq attwalment fil-kuntest ta' skemi ta' kontabbiltà differenti, l-istandards internazzjonali ta' rappurtar finanzjarju (IFRS) u prinċipji ta' kontabbiltà nazzjonali li ntlaħaq qbil dwarhom b'mod ġenerali (GAAP). L-arranġamenti jistgħu jiġu evalwati fid-dawl ta' kull żvilupp possibbli ġdid fl-Unjoni Bankarja. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li xi Stati Membri jikkunsidraw li l-istess regoli ta' kontabbiltà jeħtieġ jiġu applikati mill-banek għal skopijiet prudenzjali.

*3.1.2. Fil-livell tal-UE-28*

75. L-**ABE** fasslet standards tekniċi regolatorji (RTS) dwar it-twaqqif armonizzat tar-rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (**MREL**), li wara l-Kummissjoni ppproponiet li jiġi emendat l-abbozz ta' RTS propost fis-17 ta' Diċembru 2015. L-ABE rrifjutat ċerti emendi fi Frar 2016. Il-Kummissjoni adottat RTS emendat permezz ta' att delegat fit-23 ta' Mejju 2016, li bħalissa qed jiġi kkunsidrat mill-koleġislaturi.

76. Il-**Kummissjoni** ser tissorvelja l-**applikazzjoni** konsistenti u rigoruża tal-BRRD, inkluż ir-**regoli ta' rikapitalizzazzjoni interna**. Dment li jintużaw fondi pubbliċi jew finanzjament mill-SRF, fondi nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti, il-Kummissjoni ser tiżgura konformità ma' regoli tal-**UE dwar l-għajnuna mill-Istat** u regoli dwar għajnuna minn Fond. Regoli bħal dawn jiżguraw li l-użu ta' fondi pubbliċi jew finanzjamenti mill-SRF, fondi nazzjonali ta' riżoluzzjoni jew skemi ta' garanzija tad-depożiti jkun minimizzat permezz ta' miżuri adegwati tal-kondiviżjoni tal-piżijiet, li banek megħjuna jkunu jistgħu jiksbu mill-ġdid vijabbiltà f'perijodu ta' żmien raġonevoli u li l-kompetizzjoni fis-suq uniku ma tkunx imfixkla.

77. Il-**Kummissjoni** qed tivvaluta regolarment ukoll il-livell ta' Krediti ta' Taxxa Differiti (**DTCs**) wara li saru arranġamenti ta' ħidma mal-Istati Membri kkonċernati, bil-għan li jitnaqqas l-istokk u tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' DTCs ġodda.

78. Filwaqt li diversi Stati Membri ddubitaw ir-rilevanza kontinwa tal-proposta dwar ir-**Riforma Strutturali tal-Banek** (BSR) fil-kuntest tat-tisħiħ tal-Unjoni Bankarja, ġie nnutat li l-Parlament Ewropew qiegħed fil-proċess li jistabbilixxi l-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu dwar il-proposta. Billi l-Kunsill adotta l-pożizzjoni ta' negozjar tiegħu f'Ġunju 2015, qbil fil-PE jippermetti lill-koleġislaturi tat-trilogu jibdew in-negozjati.

79. Fil-livell tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF), il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar it-Trattament Regolatorju ta' Esponiment Sovran (RTSE) bħalissa qed jeżamina l-opzjonijiet ta' politika għat-trattament regolatorju ta' **riskju sovran** fl-Ewropa.

*3.1.3. Fil-livell internazzjonali*

80. Il-**Kumitat ta' Basel** qed jirrieżamina diversi kwistjonijiet regolatorji relatati mal-banek, b'mod partikolari standards dwar ir-rekwiżiti ta' kapital għal riskju ta' kreditu u operazzjonali, inkluż it-trattament regolatorju eżistenti tal-esponiment tal-banek għar-**riskju sovran**. Mistenni dokument ta' konsultazzjoni dwar il-kwistjoni kmieni fl-**2017**.

81. Il-**Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja** inkluda t-temi tar-**riskju ta' mġiba ħażina** f'żewġ linji ta' ħidma: il-Grupp ta' Kuntatt dwar il-Monitoraġġ ta' Kumpens qed jiffoka fuq ir-rwol tal-għodod ta' kumpens bil-ħsieb li jippreżenta rapport sa Awwissu 2016; u grupp ta' ħidma ġdid tal-FSB ser jiskambja prattika tajba dwar l-użu ta' oqfsa ta' governanza, li jistgħu jirriżultaw fi grupp ta' għodod superviżorji jew linji gwida, il-kondiviżjoni ta' esperjenzi nazzjonali dwar l-infurzar u possibbilment rakkomandazzjonijiet dwar ir-remunerazzjonijiet. Dawn il-linji ta' ħidma għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet rilevanti jkunu mgħammra bi strumenti adegwati biex tiġi indirizzata l-imġiba ħażina u r-riskji assoċjati magħha.

**3.2. Ħidma mill-Kummissjoni**

82. Minbarra l-ħidma attwali msemmija hawn fuq, diversi miżuri huma mistennija li jiġu proposti mill-Kummissjoni fuq perijodu qasir u medju. Xi ftit minn din il-ħidma tapplika għall-UE28 u għandha mnejn ma titlobx gwida ulterjuri mill-Kunsill, filwaqt li ħidma oħra hija mmirata speċifikament għaż-żona tal-euro / l-Unjoni Bankarja fuq talba ta' xi Stati Membri.

*3.2.1. Miżuri mħabbra għall-UE28*

83. Qabel it-tmiem tal-2016, il-Kummissjoni ser tipproponi emendi għall-qafas leġislattiv biex tiżgura d-disponibbiltà ta' obbligazzjonijiet adegwati u suffiċjenti li jistgħu jiġu rikapitalizzati internament billi timplimenta l-Kapaċità Totali ta' Assorbiment tat-Telf (TLAC) standard u tirrieżamina r-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL), kif adegwat u biex tindirizza inċertezza legali possibbli. F'dan ir-rigward, ġie nnutat li l-ABE ser toħroġ rapport interim f'Lulju u rapport finali dwar l-implimentazzjoni ta' MREL sal-31 ta' Ottubru.

84. Qabel it-**tmiem tal-2016,** il-Kummissjoni tista' tipproponi emendi għas-CRR/CRD-IV bħala parti mill-eżerċizzju globali ta' rieżami, biex b'hekk il-kwistjonijiet li ġejjin ikunu jistgħu jiġu indirizzati:

a) L-armonizazzjoni jew l-ispeċifikazzjoni ulterjuri tal-**ONDs** li **ngħataw lill-Istati Membri** fejn rilevanti għall-funzjonament tal-Unjoni Bankarja u l-integrità tas-Suq Uniku fejn adegwat. Fid-dawl ta' xi Stati Membri, din il-ħidma tista' tikkontribwixxi wkoll għall-objettiv tat-titjib tal-**likwidità u l-flussi tal-kapital** fi gruppi bankarji transkonfinali filwaqt li jiġi rrispettat it-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja. Għal dan il-għan, dispożizzjonijiet speċifiċi tas-CRR/CRD-IV jistgħu jiġu indirizzati li attwalment jirrestrinġu ċ-ċirkolazzjoni tal-kapital madwar l-Istati Membri, pereżempju, ostakoli legali potenzjali għall-moviment liberu ta' fondi bejn l-istituzzjonijiet f'sottogrupp ta' likwidtà uniku.

b) L-implimentazzjoni u l-finalizzazzjoni tar-**riformi ta' Basel** li tlestew jew li huma mistennija jitlestew sal-aħħar tal-2016[9] u li jeħtieġ jiġu implimentati qabel l-1 ta' Jannar 2018, inkluż, pereżempju:

- l-introduzzjoni ta' **proprozjon ta' ingranaġġ (f'dan** ir-rigward, xi Stati Membri stiednu lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi l-proporzjoni ta' ingranaġġ għal aktar minn 3% għal banek sistemiċi) u
- l-introduzzjoni t**a' proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett** (NSFR). L-istandards diġà ġew ippubblikati mill-Kumitat ta' Basel f'Ottubru 2014, minbarra t-trattament ta' derivattivi.

85. Qabel it-**tmiem tal-2016**, ser tiġi ppreżentata proposta leġislattiva għal armonizzazzjoni minima fil-qasam tal-**liġi tal-insolvenza** fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU), bl-għan ewlieni li n-negozji jiffrankaw f'ristrutturar formali jew barra l-qorti, filwaqt li tiżdied ukoll l-effettività ta' proċeduri ta' insolvenza (eż. rati ta' rkupru ogħla), filwaqt li tirrigwardja l-liġi tal-insolvenza informali fejn adegwat.

86. Fl-**2018**, il-Kummissjoni ser tirrevedi l-BRRD u l-SRM (sa tmiem l-2018). Fir-rigward tal-adegwatezza tal-**arranġamenti ta' governanza tal-SRM,** il-Kummissjoni ser tivvaluta jekk jeħtieġx li l-funzjonijiet allokati mir-Regolament tal-SRM lill-Bord, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, ikunux eżerċitati esklużivament minn **istituzzjoni indipendenti tal-Unjoni** u, jekk dan ikun il-każ, jekk ikunux meħtieġa xi bidliet tad-dispożizzjonijiet rilevanti inkluż fil-livell tal-liġi primarja.

[9] Fir-rigward ta' miżuri biex tiġi żgurata l-konsistenza ta' **assi mwieżna għar-riskju** (RWAs), għandu jiġi nnutat li emendi għas-CRR huma mistennija fi stadju aktar tard.

87. Fir-rigward tal-**MSU**, għandu jitfakkar li l-premessa 85 tar-Regolament dwar il-MSU (UE) Nru 1024/2013 tindika li t-"TFUE jista' jiġi emendat biex jagħmel il-proċedura leġislattiva ordinarja applikabbli u biex jelimina xi wħud mir-restrizzjonijiet legali li bħalissa jitpoġġew fuq id-disinn tal-MSU (eż. [...] u jmur saħansitra lil hinn fis-**separazzjoni interna tat-teħid ta' deċiżjonijiet** dwar il-politika monetarja u dwar is-sorveljanza)". B'referenza għar-Regolament dwar il-MSU, l-Istati Membri ddikjaraw ukoll, fl-Ecofin informali tat-12 ta' April 2013, li "jinsabu lesti biex jaħdmu b'mod kostruttiv dwar proposta għal bidla fit-trattat" u li r-regolament tal-BĊE għandu jiġi aġġustat kif xieraq, jekk meħtieġ, jekk l-Artikolu 127(6) TFUE jew dispożizzjonijiet rilevanti oħra tat-trattat jiġu emendati.

*3.2.2. Miżuri diskussi mill-Istati Membri*

88. Il-ħidma mill-Kummissjoni għandha ttejjeb id-**disponibbiltà u l-kwalità tad-data** fid-dawl tal-ambizzjonijiet tal-membri tal-**Grupp tal-Euro** rigward ir-**riforma tal-iskemi ta' insolvenza nazzjonali** f'konformità mal-prinċipji komuni u b'koerenza mal-linji ta' ħidma paralleli mmexxija mill-istituzzjonijiet tal-UE fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-bini ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali. Fit-22 ta' April, il-Grupp tal-Euro ħatar lill-Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro (EWG) biex jimpenja ruħu f'din il-ħidma bħala **kwistjoni ta' prijorità** u qabel li jerġa' lura għall-kwistjoni fil-**ħarifa tal-2016**. Meta l-ħidma tikkonċerna lis-CMU u lil Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro, is-suġġett ikun jeħtieġ ukoll li jiġi diskuss fil-livell tal-UE28.

89. Wara d-diskussjonijiet fl-AHWP, il-Kummissjoni offriet li twettaq aktar analiżi dwar **għodda moratorja** u l-introduzzjoni u l-applikazzjoni armonizzata possibbli tagħha fl-Unjoni. **Ħidma teknika preparatorja** ulterjuri ser titwettaq mill-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni tal-Banek (CEGBPI) matul l-**2016**. L-għan tal-ħidma huwa li jiġi vvalutat jekk, fejn u kif il-qafas legali attwali jista' jiġi emendat fid-dawl tad-diverġenzi b'saħħithom fid-disponibbiltà u l-applikazzjoni (ambitu, tul ta' żmien, awtoritajiet involuti, fażi ta' intervent, eċċ) tal-għodda moratorja mill-Istati Membri.

### 3.3. Miżuri oħrajn

90. Billi jibni fuq il-miżuri msemmija hawn fuq, l-AHWP iddiskuta għadd ta' oqsma fejn mhumiex previsti proposti leġislattivi, iżda **miżuri ulterjuri** jistgħu jkunu **ġġustifikati** fil-kuntest tal-Unjoni Bankarja kif ukoll l-UE28. Fl-istadju attwali tad-diskussjoni fl-AHWP, tista' ssir distinzjoni bejn (i) il-miżuri li jistgħu potenzjalment jiġu indirizzati fil-kuntest ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti EDIS, u (ii) miżuri oħra li jeħtieġu aktar gwida politika.

91. Ġie nnutat li d-diskussjonijiet f'dan ir-rigward, minkejja li huma rilevanti għall-Unjoni Bankarja, għandhom isiru fil-livell tal-UE28 biex jiġi żgurat li l-Unjoni Bankarja tibqa' miftuħa għall-Istati Membri kollha bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza mas-Suq Uniku.

*3.3.1. Indirizzati potenzjalment fil-qafas tal-EDIS*

92. Il-qafas ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti għandha tippermetti li jiġu speċifikati għadd ta' **opzjonijiet u diskrezzjonijiet** għall-Unjoni Bankarja skont id-Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (DGSD), b'mod partikolari biex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti u DGSs nazzjonali kif ukoll sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u l-funzjonament bla xkiel ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Minħabba li l-metodu propost biex jiġu speċifikati l-ONDs għall-iskopijiet ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti mhux bilfors jipprevjeni l-applikazzjoni tal-ONDs mill-Istati Membri u/jew mill-awtoritajiet nazzjonali f'kuntest nazzjonali, numru kbir ta' Stati Membri appoġġaw l-approċċ bil-għan li jiġi żgurat li l-inċentivi t-tajbin jiġu pprovduti biex jitjiebu l-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni Bankarja filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE 28 u biex jiġi evitat periklu morali fil-kuntest tal-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti.

93. Ġie ssuġġerit minn xi Stati Membri, li fejn adegwat, it-**trattament suppervizorju ta' Istituzzjonijiet Anqas Sinifikanti** għandu jiġi speċifikat aktar fir-rigward ta' Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti. Minkejja li Stati Membri oħra esprimew kawtela, ġie ssuġġerit li l-prattiki jistgħu potenzjalment jissaħħu u jiġu armonizzati minn valutazzjonijiet tal-karti tal-bilanċ għal-LSIs. F'dan ir-rigward, ġie nnutat li istituzzjonijiet sinifikanti kienu soġġetti għal valutazzjoni komprensiva mwettqa mill-MSU qabel l-introduzzjoni tal-ewwel u t-tieni pilastri, biex tinħoloq fiduċja fis-superviżjoni bankarja Ewropea u jitnaqqas ir-riskju, biex b'hekk jiġi ffaċilitat it-twaqqif tal-SRF.

94. Xi Stati Membri indikaw li, fejn meqjus li huwa meħtieġ, jistgħu jiġu speċifikati aktar miżuri, inkluż **salvagwardji** preċiżi biex jiġi indirizzat ir-riskju possibbli ta' miżuri nazzjonali speċifiċi b'impatt sinifikanti fuq il-karti tal-bilanċ tal-banek. Għal dan il-għan, xi Stati Membri ssuġġerew li jiġi emendat ir-Regolament dwar l-SRM u / jew testi legali adegwati oħra. Diversi Stati Membri oħra esprimew riżervi dwar approċċ bħal dan mingħajr ma jkun hemm aktar ċarezza dwar il-miżuri nazzjonali kkonċernati, ir-riskji possibbli tagħhom u d-dettalji tas-salvagwardji possibbli kkonċernati.

*3.3.2. Gwida politika ulterjuri meħtieġa*

95. Fir-rigward ta' **Skema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti** u bil-għan li tiġi stabbilita Unjoni Bankarja kompluta, diversi Stati Membri indikaw li gwida politika hija meħtieġa dwar it-tfassil possibbli (inkluż it-tliet fażijiet, riassigurazzjoni, koassigurazzjoni u assigurazzjoni sħiħa) u ż-żmien (u kundizzjonalità possibbli) tal-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-bini ta' skema bħal din fir-rigward tal-miżuri l-oħra għat-tnaqqis tar-riskju u l-kondiviżjoni tar-riskju biex tissaħħaħ l-Unjoni Bankarja. F'dan ir-rigward, diversi Stati Membri talbu wkoll għal gwida politika fir-rigward tal-ħtieġa u l-kontenut possibbli ta' **Ftehim Intergovernattiv**, minkejja li xi Stati Membri jemmnu li għadu kmieni għad-diskussjoni ta' din il-kwistjoni.

96. L-aħħar paragrafu tad-Dikjarazzjoni dwar l-Unjoni Bankarja u l-arranġamenti ta' finanzjament transitorju għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni li l-Ministri tal-ECOFIN ħarġu fit-8 ta' Diċembru 2015 jindika li "ladarba l-SRF jidħol fis-seħħ u meta l-Istati Membri parteċipanti jkunu rratifikaw l-IGA u jkunu ttrasponew kompletament il-BRRD, l-Istati Membri ser jieħdu kont tal-istabbiliment ta' arranġamenti ta' finanzjament transitorju u jikkunsidraw triq 'il quddiem u ż-żmien rigward il-ħidma dwar il-**garanzija ta' kontinġenza komuni**, biex jiġi żgurat li hija tkun operattiva b'mod sħiħ mhux aktar tard mit-tmiem tal-perijodu transitorju. Fl-2016, l-Istati Membri ser jirriflettu aktar ukoll dwar il-miżuri meħtieġa sabiex l-Unjoni Bankarja tkompli tiġi approfondita". Billi huwa mistenni li l-kundizzjoni li jifdal ser tintlaħaq sa Ġunju 2016, l-Istati Membri mbagħad ser jieħdu kont tal-istabbiliment ta' arranġamenti ta' finanzjament transitorju u l-gwida politika tkun għalhekk iġġustifikata dwar it-triq 'il quddiem u ż-żmien rigward il-ħidma dwar il-garanzija ta' kontinġenza komuni. F'dan ir-rigward, xi Stati Membri enfasizzaw ukoll li garanzija ta' kontinġenza komuni għal Skema Ewropea ta' Garanzija tad-Depożiti hija essenzjali biex jiġi żgurat livell uniformi ta' fiduċja fil-protezzjoni tad-depożiti f'kull ċirkostanza. Filwaqt li dawn l-Istati Membri indikaw li l-gwida hija meħtieġa dwar il-ħtieġa biex jiġi żgurat li garanzija ta' kontinġenza komuni tkopri wkoll Skema Ewropea ta' Garanzija tad-Depożiti, filwaqt li oħrajn indikaw oppożizzjoni qawwija.

97. Il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tal-KEF (HLWG) dwar it-Trattament Regolatorju tal-Esponimenti Sovrani (RTSE) bħalissa qiegħed jeżamina opzjonijiet ta' politika billi ħa perspettiva olistika biex jindirizza l-**esponiment sovran** tal-banek fl-Ewropa. L-opzjonijiet għandhom jikkontribwixxu biex titneħħa r-rabta bejn il-banek u s-sovrani, b'kont meħud tal-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali, l-impatt usa' fuq is-swieq finanzjarji, il-ġestjoni tad-dejn pubbliku, l-istabbiltà finanzjarja u l-ekonomija reali. Abbażi tar-riżultati preliminari tal-ħidma mill-HLWG, diversi opzjonijiet ta' politika, inkluż kwistjonijiet fir-rigward tat-transizzjoni, kienu wkoll diskussi waqt l-Ecofin informali f'April. Ġew espressi firxa wiesgħa ta' fehmiet dwar l-opzjoni(jiet) ta' politika preferuta/i u t-triq 'il quddiem. Numru kbir ta' Stati Membri esprimew il-fehma li kull modifika potenzjali fl-UE għandha timxi id f'id mal-proċess ta' Basel li, għalhekk għandhom ikunu mistennija l-eżiti tiegħu. Diversi Stati Membri esprimew kawtela minħabba l-implikazzjonijiet negattivi possibbli ta' kull rieżami mhux prudenti tal-qafas eżistenti. F'dan ir-rigward, xi Stati Membri kienu partikolarment ikkonċernati dwar il-konsistenza tas-suq uniku jekk il-bidliet ikunu limitati għall-Unjoni Bankarja jew iż-żona tal-euro biss. Stati Membri oħra indikaw ir-riskju tal-valuta li huwa inerenti għall-opzjonijiet ta' politika għal dawk li mhumiex membri taż-żona tal-euro, b'mod partikolari fil-każ ta' opzjonijiet li jindirizzaw riskju ta' konċentrazzjoni. Madankollu, diversi Stati Membri enfasizzaw il-ħtieġa ta' tisħiħ tat-trattament regolatorju ta' esponimenti sovrani. Xi wħud minn dawn l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa potenzjali għal trattament speċifiku, speċjalment jekk il-Kumitat ta' Basel ma jagħtix riforma f'waqtha u sostanzjali, b'kunsiderazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja relatati u l-livell imtejjeb ta' effetti kollaterali transkonfinali u l-kondiviżjoni tar-riskju li huwa inerenti b'mod partikolari għall-Unjoni Bankarja jew iż-żona tal-euro u l-istruttura istituzzjonali tagħha. F'dan ir-rigward, dawn l-Istati Membri pproponew li jiġi indirizzat ir-riskju tal-kreditu u tal-konċentrazzjoni fl-istess ħin. Minħabba l-fehmiet differenti espressi u b'kunsiderazzjoni tad-diskussjonijiet fil-Kumitat ta' Basel li għalissa għadhom għaddejjin, hija meħtieġa gwida politika dwar it-triq 'il quddiem.

98. Waqt l-AHWP, ġie nnutat li l-kwistjoni tar-**ristrutturar tad-dejn sovran** bħalissa mhijiex qed tiġi diskussa b'mod speċifiku fil-livell internazzjonali u dak Ewropew. Filwaqt li numru kbir ta' Stati Membri kkunsidraw li aktar diskussjoni dwar is-suġġett mhijiex meħtieġa u potenzjalment ta' ħsara, xi Stati Membri riedu jiksbu aktar gwida politika f'dan il-qasam.

## III. KONKLUŻJONIJIET

99. Il-Presidenza Netherlandiża tistieden lill-Kunsill biex jieħu nota ta' dan ir-Rapport, bil-għan li l-ħidma tipprogressa aktar waqt il-Presidenza Slovakka li jmiss.